MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 5/2008

**Ignatius Attard.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 12 ta' Mejju 2008 a fol. 2 tal-process fejn esponiet:-

Illi permezz tal-applikazzjoni numru PA 6235/96, l-appilkant Ignatius Attard applika sabiex jaghmel zvilupp.

Illi permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 1999, l-applikant, *tramite* il-Perit tieghu, gie notifikat illi huwa jrid ihallas

ammont ta' *building levy* addizzjonali ghal dak imhallas precedentement fuq l-applikazzjoni PA 6235/96;

Illi l-applikant interpona appell minn din l-ittra, fejn huwa ikkontesta l-ammont mitlub minnu;

Illi permezz ta' decizjoni moghtija fil-25 ta' April 2008, il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, iddecieda illi filwaqt ma jippronunzjax ruhu fuq il-mertu tal-appell, irrinvija l-atti quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp sabiex din tipprocessa l-applikazzjoni tal-applikant, ghaliex skont l-istess Bord, fuq materja imqajma minnu stess, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghandha tipprocessa applikazzjoni minkejja li l-ammont ta' *building levy* ma thallasx mill-applikant.

Illi l-esponent thoss ruhha aggravata minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghda tinterponi dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi preliminarjament, l-appell interpost mill-appellant kien jirrigwardja l-mertu tal-hlas mitlub minnu, u mhux jekk il-hlas kellux isir mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Izda l-Bord tal-Appelli, minghajr ma ta l-possibbilta` li dan il-punt, u cioe` illi l-hlas ghandu jsir mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jigi trattat quddiemu, u possibbilment jingiebu il-provi, iddecieda l-istess punt fid-decizjoni tieghu li minnha qieghed isir l-appell odjern. *Oltre* minn dan, lanqas hadd mill-partijiet ma nghata l-opportunita` illi jitratta u jressaq l-argumenti tieghu jekk il-Bord tal-Appelli kellux il-*vires* legali sabiex iqajjem tali punt *ex officio*. Illi dan in-nuqqas da parti tal-Bord huwa nuqqas serju procedurali, li ghandu jwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla d-decizjoni tal-istess Bord, u tirrinvija l-atti lura quddiem l-istess Bord.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke fil-mertu, il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar iddecieda l-punt legali mqajjem minnu b'mod hazin. Dan ghaliex il-Bord ikkwota

l-**artikolu 43 tal-Kap. 356** u llimita ruhu ghall-analizi u l-applikazzjoni tal-istess artikolu. Il-Bord kellu wkoll jara l-provvedimenti tal-**artikolu 32 (1) tal-istess Kap. 356** illi jipprovdi car illi kull applikazzjoni ghall-izvilupp ghandha ssir skont dak mitlub mill-Awtorita` esponenti. Illi skont il-provvedimenti tal-**Avviz Legali 133 tal-1992** (*vide* **regolament 3 (2) (d))** il-hlas tal-*Building Levy* huwa mandatorju li jkun sottomess mal-applikazzjoni. *Oltre* dan, huwa fatt stabbilit illi kemm a bazi tac-**Cirkolari 8/02** (*vide* para 1.1.1 (h)) kif ukoll cirkolari precedenti, kif ukoll skont l-**Avviz Legali 112 tal-1996**, il-hlasijiet li minnhom kien qieghed jilmenta l-appellant, ghandhom isiru fil-mument illi fih jintalbu mill-Awtorita`, u cioe` fil-mument tal-applikazzjoni. Dan l-Avviz Legali jitkellem fuq applikazzjonijiet u mhux fuq permessi. *Oltre* dan fl-istess **Avviz Legali 112 tal-1996** jipprovdi mekkanizmu ta' rifuzjoni ta' hlasijiet li jkunu saru. Dan necessarjament jikkonferma illi l-hlasijiet isiru fil-mument tal-applikazzjoni, ghax kull interpretazzjoni ohra tkun tfisser illi m'hemmx il-htiega ta' mekkanizmu ta' rifuzjoni ta' hlas (jekk il-hlas jista' isir, kif qal il-Bord tal-Appell, ezatt qabel ma jinhareg il-permess).

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tal-25 ta' April 2008 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol. 8 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 22 ta' Mejju 2008 a fol. 9 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Ignatius Attard vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Ignatius Attard (karta tal-identita` numru 38956G) datata 30 ta' Mejju 2008 fejn eccepixxa:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi b'dan ir-rikors taghha, l-Awtorita` appellanti tqajjem zewg aggravji fis-sens li:-

i. Il-Bord ma setax *ex ufficio* jqajjem kwistjoni li ma gietx imqajma jew trattatata mill-partijiet;

ii. Fit-tieni lok id-decizjoni tal-Bord m'hijiex gustifikata.

L-esponenti jsostni li l-Awtorita' m'ghandhiex ragun f'dawn l-aggravvji u dan kif se jigi issa spjegat.

1. **IL-BORD MA SETAX IQAJJEM *EX UFFICIO* L-KWISTJONI LI DDECIEDA FUQHA**

L-Awtorita' appellanti tghid li l-kwistjoni li fuqha nghatat id-decizjoni tat-Bord ma setghetx titqajjem *ex ufficio* mill-istess Bord, minghajr ma din giet imqajma mill-partijiet u qabel inghatat opportunita` lill-partijiet li jaghmlu sottomissjonijiet dwarha.

L-esponenti jsostni pero' li l-kwistjoni odjerna hija ta' natura li fil-fatt setghet titqajjem *ex ufficio* mill-Bord.

Ma jistax jigi kontestat li l-kwistjoni li nghatat decizjoni fuqha hija ta' natura procedurali. Fil-fatt il-kwistjoni kienet dwar jekk il-hlas tal-*building levy* addizzjonali bhal dik in kwistjoni ghandux necessarjament isir mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni u dwar jekk is-smigh ta' applikazzjoni tistax tipprocedi minkejja li tali *building levy* ma tkunx thallset. Ghalhekk din hija intrinsikament kwistjoni ta' procedura.

Huwa umilment sottomess mill-esponenti li kwistjoni ta' procedura tista' titqajjem *ex ufficio* mill-gudikant, ghaliex din hija kkunsidrata bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku, li huwa risaput li dejjem tista' titqajjem *ex ufficio* mill-istess gudikant.

Li kwistjonijiet ta' ordni pubbliku jistghu jitqajmu mill-gudikant *ex officio* huwa stabbilit b'gurisprudenza kostanti. Hekk per ezempju, f' **"Amato Gauci Veronique et vs Zammit Marco et"** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-19 ta' Mejju 2004, il-Qorti rriferiet ghal serje ta' decizjonijiet moghtija f'dan is-sens u kkwotathom, fosthom is-segwenti:-

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista' tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m'ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma' kawza,* ***il-Qorti tista' "ex-officio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta' ordni pubbliku****. L-istess fil-kaz ta' Mandat in Factum fejn il-Qorti tista' "ex-officio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta' dan il-Mandat (ara* ***Xuereb vs Xuereb*** *Appell 27 ta' Marzu, 2003):*

*1. "Huwa principju maghruf illi l-lmhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu,* ***ammenoche non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-lmhallef hu obbligat jirrileva "ex officio"*** *-"****Joseph Gatt vs Joseph Galea****", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965; "****Regina mart Francis Cacciottolo vs Francis Cacciottolo****", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976;*

*2. "****Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku****, altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" -"****Anthony Hammett noe vs Vincent Genovese pro et noe****", Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1991."*

Decizjoni ohra f'dan is-sens kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Civili Inferjuri fl-ismijiet **"Borg vs Halmann Limited"** fl-20 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li:-

*"Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva 'ex officio'. Ara "**Cacciattolo utrinque**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976."* (enfazi mizjud)

F' **"Galea et vs Calleja pro et"** deciza fil-25 ta' Mejju 2001, il-Qorti tal-Appell spjegat ghal darb' ohra li:-

***"Fis-sistema gudizzjarju taghna, l-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.*** *Dan billi bhala norma l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet."* (enfazi mizjud)

L-isless intqal fi **Grech vs Saglimene et** deciza fid-9 ta' April 1992 mill-Qorti tal-Kummerc. Tal-istess portata kienet ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Gatt vs Debono et** tat-2 ta' Frar 1990 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qotti Civili: *"Skont il-principji tal-Gustizzja l-ebda Qorti m'ghandha d-dritt li tissolleva eccezzjonijiet "ex officio" hlief dawk li l-ligi stess timponi fuqha bhala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni tal-ordni pubbliku..."* (enfazi mizjud)

Gie wkoll stabbilit mill-gurisprudenza li l-kwistjonijiet ta' procedura jikkonsistu fi kwistjoni ta' natura pubblika, u li konsegwentement tali kwistjonijiet jistghu jigu sollevati mill-gudikant *ex officio*. Hekk per ezempju, fid-decizjoni fl-ismijiet f'**Cefai Maurice et vs Fenech Doris**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 2002, intqal illi:

*"Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura 'si debbono osservare alla lettera e non per equipollens' (Vol XVIII pi p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsidrata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mill-ligi 'ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B' mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio' (Vol XXXVI pl p204;Vol XLIV pl p421)."*

F' **Baldacchino Maria vs Pace Edwin** deciza mill-Prim' Awla fit-3 ta' Ottubru 2003, il-Prim' Awla kkonfermat ukoll illi punt procedurali jista' jigi ssollevat *ex officio*:-

*"Dan premess, il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz jezisti punt procedurali assorbenti li l-Qorti ghandha d-dmir li tissolleva ex officio u tiddecidieh, avolja ma giex hekk sollevat mill-konvenut;... Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace et****, Appell Civili, 15 ta' Ottubru 1965, 'il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio."*

Ghaldaqstant, abbazi ta' din il-gurisprudenza, f'dan il-kaz, il-Bord kien gustifikat li jqajjem kwistjoni ta' procedura *ex ufficio*.

Konsegwentement, l-ewwel aggravvju tal-Awtorita' appellanti ghandu jigi respint.

## 2. ID-DECIZJONI TAL-BORD MHIJIEX GUSTIFIKATA

Bit-tieni aggravju taghha, l-Awtorita` tistqarr li fi kwalunkwe kaz, hija ma taqbilx mad-decizjoni moghtija mill-Bord, u dan peress li hija tal-fehma li f'dan il-kaz, l-applikazzjoni odjerna ma setghetx tigi pprocessata kemm-il darba ma tkunx thallset il-*building levy* kollha mitluba mill-applikanti.

Bir-rispett kollu, l-esponenti ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-Awtorita' appellanti.

Fil-kaz odjern, l-appellanti kien hallas il-*building levy* ta' Lm10 gimgha qabel ma giet sottomessa l-applikazzjoni nhar it-18 ta' Ottubru 1996. Sussegwentement, permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 1999 il-M.E.PA talbet lill-applikant ihallas *building levy* addizzjonali ta Lm5,715.00 liema *levy* thallset taht protesta. Permezz ta' ittra tat-12 ta' April 2000, l-Awtorita' ordnat hlas ulterjuri ta' Lm2,950 izda b' ittra taI-4 ta' Awissu 2000, dan l-*ammont* tnaqqas ghal Lm2,557.36, L-appell odjern jirrigwarda din l-ahhar talba ghall-hlas ta' Lm2,557.36 li tirrigwarda *building levy* addizzjonali, liema talba qed tigi kkontestata mill-esponenti.

Huwa umilment sottomess li fil-ligi ma hemm xejn li jghid li l-hlas tal-*building levy* addizzjonali, bhal dik in kwistjoni, ghandu necessarjament isir flimkien mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-esponenti jikkontendi fil-fatt li, kif stqarr il-Bord fid-decizjoni tieghu, tali hlas jista' jsir anki wara li tinghata d-decizjoni dwar l-applikazzjoni nnifisha.

B'konferma ta' dan hemm il-fatt li l-Att tal-1992 dwar l-ppjanar tal-Zvilupp li jaghmel distinzjoni cara bejn il-hlas tal-*building levy* inizjali u l-*building levy* addizzjonali. Juri bic-car li certament, il-*building levy* addizzjonali m'ghandhiex ghalfejn tithallas kontestwalment mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Din id-distinzjoni hija riflessa fil-mod li bih tigi normalment processata applikazzjoni. Fil-fatt, l-applikant ihallas tariffa inizjali meta jissottometti applikazzjoni. Huwa mbaghad sussegwentement li l-Awtorita' tibghat ittra lill-applikant fejn titolbu *building levy* addizzjonali. Din it-talba ssir b' mod distint, u wara li tkun giet sottomessa l-applikazzjoni. II-M.E.P.A. taghti wkoll skont ta' 1% tad-*Development Permit Fee* jew Lm5.00 skont liema ammont ikun l-iktar lil minn ihallas il-*building levy* kollu qabel ma tigi pprezentata l-applikazzjoni.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-esponenti, fejn l-**artikolu 3 tal-A.L. 133 tal-1992** jghid li mal-applikazzjoni trid tigi pprezentata t-Taxxa dwar il-Bini, hawn mhux qed jirreferi ghall-*building levy* addizzjonali izda ghall-*building levy* inizzjali. Zgur li l-ligi mhix tesigi li kontestwalment mal-applikazzjoni jrid isir hlas li fil-verita' ma jistax jithallas dak il-hin izda wara.

**L-A.L. 112 tal-1996** ukoll zied id-distinzjoni netta li hemm bejn iz-zewg tipi ta' hlasijiet. Dan jirrizulta mis-subartikoli (10) u (11) ta' l-artikolu 1 ta' l-ewwel skeda ghal dan l-Att.

Fil-fatt, is-subartikolu 10 imsemmi jghid li *"Meta t-Taxxa dwar Bini hija sostanzjalment korrettement kalkulata mill-applikant jew mill-perit, u tithallas qabel jew mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-ammont tad-Dritt ghal Permess ta' Zvilupp dovut ghandu jitnaqqas b' Lm5 jew 1% tad-Dritt ghal Permess ta' Zvilupp dovut, skont liema minnhom ikun l-ghola, barra minn meta d-Dritt ghal Permess ta' Zvilupp dovut ikun anqas minn Lm60."*

Dan is-sub-artikolu 10 jipprovdi b'mod car li t-taxxa tal-bini tista' tithallas wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, tant li hija tipprovdi ghal beneficcju li jinghata lil min din ihallasha kontestwalment jew qabel l-applikazzjoni. Li kieku l-ligi ma tikkontemplax il-possibbilta` li taxxa tal-bini tithallas wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, zgur li ma kenitx taghti dan il-vantagg *ossia* tnaqqis li min jkun mghaggel bizzejjed li t-taxxa applikabbli jhallasha kontestwalment mal-applikazzjoni.

Imbaghad is-sub-artikolu 11 jghid li *"Meta Applikazzjoni tintbaghat lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex l-Awtorita' tikkalkola t-Taxxa dwar Bini, din trid tkun akkompanjata bid-Dritt tal-Permess ghal Zvilupp minimu kif specifikat fis-sub-paragrafu (9) tal-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda. Dan id-dritt ghandu jitnaqqas minn Dritt ghal Permess ta' Zvilupp li eventwalment ikun dovut li jithallas dwar din l-applikazzjoni."*

Dan is-sub-artikolu juri bic-car li kontestwalment mal-applikazzjoni huwa d-dritt tal-permess minimu li ghandu

necessarjament jithallas u mhux ukoll il-*building levy* addizzjonali.

L-**Artikolu 43 tal-Kap. 356** ukoll jghid li *"Ebda permess ghall-izvilupp m'ghandu jinghata, u ebda zvilupp awtorizzat b'ordni dwar l-izvilupp m'ghandu jsir, jekk u sakemm ma jkunux thallsu d-drittijiet u kontribuzzjonijiet dovuti skont l-**artikolu 41** u **42** u l-Awtorita' ma tkunx irceviethom; u kull xoghlijiet li jiksru minghajr ma jkun sar u ricevut dak il-hlas ghandu jitqies bhala zvilupp maghmul minghajr il-permess tal-Awtorita'."*

Dan l-artikolu juri li dak li huwa necessarju huwa li l-*building levies* kollha jithallsu qabel il-hrug tal-permess, u mhux necessarjament, kif issa qed tghid l-Awtorita', li dawn jithallsu mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Issa, fil-kaz in kwistjoni, l-applikant hallas id-dritt minimu kif rikjest mal-applikazzjoni, hallas *building levy* addizzjonali mitluba minnu (ghalkemm taht protesta), u kien biss meta snin li huwa rega' ntalab jaghmel il-hlas mertu ta' dan l-appell li huwa qajjem kontestazzjoni formali.

Abbazi ta' dak li gia` intqal fuq, tajjeb jinghad li l-hlas in kwistjoni ma setax thallas kontestwalment mal-applikazzjoni, kif qed tippretendi l-Awtorita', u dan ghaliex dan ma giex mitlub qabel m'ghaddew erba’ snin mill-prezentata tal-applikazzjoni.

Ghalhekk, it-teorija tal-Awtorita' fis-sens li din il-*building levy* addizzjonali kellha tithallas kontestwalment mal-applikazzjoni hija mpossibbli li tigi emmnuta u applikata.

Ghaldaqstant dan l-appell ghandu jigi michud.

## 3. SOTTOMISSJONI FINALI

Illi finalment, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jixtieq ukoll jaghmel il-kummenti tieghu fir-rigward il-kaz tal-ispejjez, f’kaz li dan l-appell jigi milqugh.

Huwa jissottometti umilment li f'kaz li dan l-appell jintlaqa' huwa m'ghandux jigi kundannat ihallas l-ispejjez relatati ghal dan l-appell. Dan minhabba s-semplici raguni illi kif huwa ammess fl-appell odjern stess, ma kienx l-esponenti li qajjem il-punt li fuqu ddecieda l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar nhar il-25 ta' April 2008. Kull ma sostna l-esponenti fl-appell tieghu ntavolat quddiem il-Bord kien li *building levy* addizzjonali mitluba minnu mill-Awtorita` ma kenitx gustifikata. Imbaghad, il-punt li fuqu nghatat id-decizjoni tqajjem mill-Bord innifsu *ex ufficio* u nghatat decizjoni dwaru minghajr mal-esponenti qatt ghamel is-sottomissjoni tieghu dwarha. Ghaldaqstant, assolutament ma kienx l-esponenti li gab ic-cirkustanzi li pprecedew l-appell odjern izda dan kien il-Bord. Konsegwentement l-ebda spejjez minn ta' dan l-appell m'ghandhom jigu allokati fuq l-Awtorita' appellanti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' Frar 2009 meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Stafrace ghall-appellanti u Dr. Georgine Grech ghall-appellat. Dr. Stafrace esebixxa kopja legali tal-*Legal Notice*. Id-difensuri, ghandhom permezz ta' nota fi zmien tletin (30) gurnata minn dan il-verbal jipprezentaw kopja tac-cirkolari 8/02 u tal-Avviz Legali 112/96. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2009 u tat-28 ta' Mejju 2009 fejn gie differit ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-appell jittratta dwar zvilupp propost f'Ta' Sbejha, Mongur Street, Gharb u jirrizulta li l-applikant kien hallas il-*building levy* ta' Lm10 gimgha qabel ma giet sottomessa l-applikazzjoni nhar it-18 ta' Ottubru 1996. Sussegwentement, permezz ta' ittra tat-28 ta' Jannar 1999 il-M.E.PA talbet lill-applikant ihallas *building levy*

addizzjonali ta’ Lm5,715.00 liema *levy* thallset taht protesta. Permezz ta' ittra tat-12 ta' April 2000, l-Awtorita' ordnat hlas ulterjuri ta' Lm2,950 izda b' ittra taI-4 ta' Awissu 2000, dan l-*ammont* tnaqqas ghal Lm2,557.36. Sar appell quddiem il-Bord ta’ l-Appel dwar l-Ippjanar datat 30 ta’ Awissu 2000 fejn l-istess appellat odjern ikkontesta it-talba ghall-hlas tal-ammont ta’ Lm2,557.36 bhala *building levy* addizzjonali.

Illi l-appell mill-Awtorita’ appellanti huwa fuq zewg binarji u cjoe’ li l-ewwel lok li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma setghax iqajjem *ex officio* l-eccezzjoni dwar il-kompetenza tieghu fis-sens li ddecieda li qabel kollox kellu jghid jekk tali appell setghax jigi trattat quddiem kemm-il darba l-building *levy* addizzjonali; kellu minflok jittratta l-appell quddiemu li kien biss jittratta dwar l-ammont ta’ *building levy addizzjonali* imposta; fit-tieni lok jinghad li meta l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li ghalkemm ma thallsitx il-*building levy* addizzjonali xorta wahda l-istess applikazzjoni kellha tigi trattata, saret interpretazzjoni hazina tal-ligi, peress li ma huwiex permissibbli skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32 (1) tal-Kap. 356, u l-Avvizi Legali 133 ta’ l-1992 u 112 tal-1996, li applikazzjoni tigi processata qabel ma tithallas l-istess *levy*, u allura qabel ma’ jitkompla tali process dik il-*levy* ghandha tigi mhallsa, u mbaghad jista’ jkompli l-process tal-istess applikazzjoni, inkluz is-smigh f’dan il-kaz ta’ dan l-appell.

Illi din il-Qorti thoss li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar (Bord) agixxa korrettament biss meta qajjem *ex officio* tali eccezzjoni, u dan peress li huwa punt ta’ procedura u huwa ta’ ordni pubbliku; izda dan il-punt kellu jitqajjem waqt is-smigh tal-istess appell quddiemu u b’hekk jaghti l-opportunita’ liz-zewg partijiet sabiex jittrattaw u jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar l-istess, anke *in vista’* tal-principji ta’ gustizzja naturali nkluz dak ta’ *audi alteram partem.*

Illi dan jirrizulta li l-Bord ma ghamlux tant li dan il-punt qatt ma gie trattat mill-partijiet u tqajjem biss fis-sentenza tieghu; dan imur kontra kull kuncett ta’ smigh xieraq iktar u iktar quddiem tribunal ta’ kompetenza kwazi gudizzjarja.

Fuq dan l-aspett u fil-limiti hawn indikati l-ewwel aggravju tal-Awtorita' appellanti qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li s-sottomissjonijiet tal-istess Awtorita' appellanti huma wkoll gustifikati u dan peress li skond l-**artikolu 32 (1) tal-Kap. 356** kull permess ta' l-izvilupp ghandu jsir f'dik il-forma u b'dik l-informazzjoni li l-istess Awtorita' tippreskrivi. Skond l-**artikolu 3 (2) tal-Avviz Legali 133 tal-1992** kull applikazzjoni ghandha tigi akkompanjata bil-hlas tal-*Building Levy*; Dan huwa kkonfermat bid-disposizzjonijiet kollha tal-Avviz Legali 112 ta' l-1996, inkluz dawk indikati fl-artikoli 3 u 4, u anke mid-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda tal-istess Avviz Legali, nkluzi addirittura dawk citati mill-appellanti odjern u cjoe' s-subartikoli (10) u (11), fis-sens li l-istess jistabbilixxu li ghandu jsir il-hlas ta' l-istess *levy* mal-applikazjoni jew fil-kaz ta' talba ghall-hlas ta' *levy* addizzjonali, meta ssir l-istess talba, u dan sabiex l-istess applikazzjoni tigi processata. Dan huwa wkoll konsistenti ma' dak li hemm rikjest fil-paragrafu 1.1.1 (h) tac-Cirkolari MEPA 8/02.

Illi dan ifisser li sabiex applikazzjoni tigi processata, l-istess *building levy* jew *building levy addizzjonali* ghandha tkun imhallsa, ghalkemm xorta wahda jista' jsir appell mill-ammont rikjest bhala *building levy* addizzjonali. L-**artikolu 43 tal-Kap. 356** li sar riferenza ghalih mill-Bord jikkoncerna biss il-punt li ma jistax jinhareg peress jekk ma jsirux il-hlasijiet indikati fl-**artikoli 41 u 42 tal-Kap. 356.**

Illi l-punt li qajjem l-istess Bord ma kienx jittratta dwar il-hrug *o meno* tal-permess, izda jekk tistax tkompli miexja applikazzjoni, li f'dan il-kaz jinkludi wkoll il-procedura ta' appell quddiem il-Bord, kemm-il darba l-kontribuzzjoni mitluba ma tkunx giet mhallsa u ovvjament l-**artikolu 43** ma jitkellimx dwar dan. Fil-fatt dak li jezigi tali hlas huwa l-**artikolu 32.** Dan ifisser li dak li nghad mill-Bord fl-istess decizjoni tieghu fuq dan il-punt inkluz dak kontenut fl-ahhar paragrafu tat-tielet faccata, u fl-ewwel paragrafu tar-raba' faccata tal-istess decizjoni tal-Bord huwa ghal kollox zbaljat u nkorrett. B'hekk fuq dan il-punt it-tieni aggravju

tal-Awtorita’ appellanti huwa wkoll ben gustifikat u qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-appellat Ignatius Attard fir-risposta ta’ l-appell tieghu datata 3 ta’ Mejju 2008, **tilqa’ l-appell interpost mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rikors ta’ l-appell taghha datat 12 ta’ Mejju 2008** fis-sens biss hawn deciz, b’dan illi tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Ignatius Attard kontra l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” tal-25 ta’ April 2008** u konsegwentement tibghat u tirrinvija l-atti kollha lill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta’ din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta’ din id-decizjoni jibqghu a karigu ta’ l-appellat Ignatius Attard.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------